MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR. SCERRI HERRERA CONSUELO-PILAR LL.D.

Seduta ta' 28 ta' Ottubru, 2002

Numru. 887/2002

**Artikolu 3(b) u 5 tal-Kap 61, artikolu 189 tal-Kap 9, artikolu 32(1c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**
**Spettur Neville Xuereb**
**V**

**ALI IBRAHIM**

**Seduta ta' llum 28 ta' Ottubru 2002**

**Il-Qorti;**
Rat l-imputat **ALI IBRAHIM** ta' nazzjonalita Sirjana bin Moahmmed u Ftem, imwieled Sukhna fl-ewwel ta' Gunju, 1972 u detentur ta' passaport numru 4175742 gie mressaq quddiemha akkuzat talli matul dawn l-ahhar xhur qabel l-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru, 2002 f'diversi postijiet f'Malta, ffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil

f'passaport jew uza jew kellu ghandu passaport li kien jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih.

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument ffalsifikat.

Talli fl-istess data u cirkostanzi, dwar xi informazzjoni li ghandha tigi moghtija skond jew ghal finijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni ta jew gieghel li jinghata xi prospett alz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz.

Talli fl-istess data u cirkostanzi, ircieva passaporti li gew trasferiti lilu minn persuni ohra.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-Ligi partikolarment l-artikolu 3(b) u 5 tal-Kap 61, artikolu 189 tal-Kap 9, l-artikolu 32(1c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esibit f'dawn l-atti markat bhala dokument CSH sabiex dawn il-proceduri jimxu bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jghid li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jirregistra ammissjoni ghal akkuzi kif addebitati lilu kif registrat fil-verbal tas-seduta ta' llum stess.

Ghalhekk fuq tali ammissjoni il-Qorti m’ghandiex triq ohra salv li ssib l-imputat hati tal-akkuzi odjerni.

**Ghalhekk tiddikjara li qed ssib lil ALI IBRAHIM hati ta’ l-akkuzi kif addebitati lilhu, u tikkundannah ghall-piena karcerarja ta’ sitt xhur sospizi ghal sentejn b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Il-Qorti spjiegat fi kliem car is-sinifikat ta' din is-sentenza lil imputat u x'jigri jekk jonqos li josservha.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**